## 21 ta' Frar, 1967

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Nazzareno Scicluna

*versus*

Paolo Zahra

***Danni — Responsabilità — Annimal — Kelb — Ħsara Kawżat minn — Sid, responsabilità ta' — Kolpa — Ħtija.***

*Is-sid huwa responsabbli għall-ħsara li l-kelb tiegħu jikkaġuna meta jkun fit-triq. Tali responsabilità hija assoluta u tista' tiġi biss eskluża bil-prova li l-fatt kien dovut għall-forza maġġuri jew għall-ħtija tad-danneġġjat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun, premess illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 1966 fil-5.30 a.m. l-attur kien riekeb bicycle nieżel lejn ir-Rabat meta għamel għalih kelb tal-kaċċa li huwa tal-konvenut u ġiegħlu jitlef il-kontroll tal-bicycle u jaqa' fl-art u b'hekk l-attur kiser idejh; premess illi l-konvenut li huwa s-sid tal-imsemmi qelb huwa responsabbli għad-danni li sofra l-attur konsistenti fi spejjeż ta' tobba u telf ta' xogħol; premess illi l-konvenut mitlub jaddivjeni għal-likwidazzjoni bonarja tad-danni ma wasalx; prevja fil-każ ta' bżonn id-dikjarazzjoni li huwa s-sid tal-imsemmi kelb u bħala tali responsabbli għad-danni li sofra l-attur imħabba l-għemil tal-istess kelb, talab illi din il-Qorti tillikwida d-danni li sofra l-attur bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, fil-każ ta' bżonn per opera ta' periti nominandi, u din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-at-

tur dik *is-somma li tiġi* hekk likwidata kif intqal fuq għar-raġunijiet fuq premessi; Bl-*ispejjeż* kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi hu ma hu bl-ebda mod responsabbli għad-danni lamentati mill-attur;

Rat id-dikjarazjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Li l-azzjoni istitwita mill-attur hija bażata fuq id-dispożizzjoni tal-artikolu 1083 tal-Kodiċi Ċivili li tgħid; "Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li tagħmel użu minn annimal, għażżmien li tagħmel użu minnu, iwiegħbu għall-ħsara li dak l-annimal jikkaġuna, sew jekk ikun jinsab taħt idejhom kemm jekk ikun intilef jew ħarab.

Ikkunsidrat;

Li l-artikolu tal-Kodiċi tagħna fuq ċitat huwa analoga derivazzjoni tal-art. 1154 tal-Kodiċi Ċivili Taljan.

Li r-responsabilità enunċjata fl-imsemmi artikolu hija emanazjoni tal-"*actio de pauperie*" tad-dritt ruman "ed essa si verifica quando il danno sia' direttamente arrecato dall'animale a prescindere da qualsiasi colpa del proprietario o di che

se ne serve". (cfr. D.R. Perretti-Eveva; "Responsabilità Civili attenenti alla circolazione dei Veicoli"; Ediz. U.T.E.T. 1936 pag. 47); u dina l-istess dispożizzjoni tal-liġi ġiet *interpretata* mid-dottrina ġuridika, fis-sens li ma tikkontieni ebda riserva, u anqas ma tammetti espressament il-fakoltà tal-prova kuntrarja; għaliex ġeneralment dana l-istitut huwa bażat fuq in-nozzjoni tar-responsabilità objettiva, in bażi għal-prinċipju "quem sequitur commodum eum teneat incommodum" (Ara fl-istess sens; Borsari, Chironi, Zacchariae, Ferrini).

Li, però, ma jistax jiġi eskluż li dina r-responsabbilità obbjettiva *tiġi* nieqsa meta jirriżulta li l-inċident li fih kien involut annimal, kien dovut għall-każ fortwitu, jew forza maggiore; jew għall-ħtija tad-danneġġjat (App. Toma, 3 Agosto 1927; La Giustizia, art. 1928, 8; Cassaz. Torino, 27 Maggio 1911, in re "Contini vs. An. Momnibus," Ital. 1911, 1, 1, 1206).

Li, meta jagħti l-każ li annimal jipprovoka dannu lill-ħaddieħor "per proprio impulso", ("secondum natura"); dana jimplika r-responsabilità tas-sid, mingħajr dana ma jista' jiġi ammess jipprova l-assenza tal-ħtija tiegħu, billi r-responsabilità tiegħu hija preżunta mil-liġi. Tipiku huwa l-każ ċitat mill-imsemmi awtur Perretti-Griva (op. cit. paġ. 194); "Se un cane si avventa contro un ciclista, commette un fatto esclusivamente *riferibile* all'impulso *del cane, del quale dovrà rispondere* il proprietario dell'animale o chi di questo si serve, in quanto ne deriva un danno in diretto riferimento col fatto dell'essersi il cane avventato".

Li l-fatt stess li kelb jiġi *mħolli fi triq* pubblika, mingħajr immedjata kustodja, huwa ħati ta' kontravenzjoni minn kellu d-dmir — f'dana l-każ il-konvenut — *li ma jħallix il-kelb jiġġerra* barra. (Art. 31(2)(i)(ii) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija); għaliex kif josserva l-Goria-Gatti (ċitat mill-imsemmi

awtur paġ. 197 "in calce"); "Se il cane era nello spazio destinato ai veicoli, è evidente che costituiva un intralcio alla circolazione previsto e represso dall'art. 6 del Codice Stradale" (li huwa analogu għall-artikolu tal-Kodiċi tal-Pulizija fuq ċitat).

Li, fil-liġi ngliża ma jidhirx li hemm xi dispożizzjoni bħal tagħna: "Neither by the customary law nor by statute, has there been any civil obligation to keep animals off the road, or to make their owners liable in an action of negligence if they should stray on to the highway" (Bonany vs. Gratton, (1960), 23 D.L.R. (2nd) 591); għaliex "domestic animals of normal character do not by straying on the road obstruct traffic" (Health's Garage Ltd. vs. Hodges" (1916) 2 K.B., 370: (per Neville J.)

Li, dana, il-konċett hekk ġenerikament enunċjat ġie però fl-applikazzjoni tiegħu interpretat, f'każi speċifiċi, kontra s-sid tal-annimal "if he is negligent while the animal ("Mansuaetae naturae") is in his charge" (Griffith vs. Turner" (1955) N.Z.L.R., 1035); u b'mod speċjali ġie ritenut: "if an animal is known to be restive, or likely to be startled, the person in possession is liable for any damage caused by his failure to exercise proper care of it" ("Turner vs. Coates" (1917) 1 K.R. 670).

Li irriżulta li l-kelb in kwistjoni huwa kelb tal-għassa; u konsegwentement, jekk jitħalla liberu għandu tendenza li jimbaħ (jekk magħluq) jew li javventa ruħu kontra min jersaq lejh u kontra min ikun għaddej fit-triq (jekk ikun liberu).

Ikkunsidrat;

L-attur jallega li fit-28 ta' Frar, 1966 fil-5.30 a.m. kien riekeb bicycle nieżel lejn ir-Rabat, meta għamel għalih kelb talkaċċa li huwa tal-konvenut, u ġagħlu jitlef il-kontroll tal-bi-

cycle u jaqa' fl-art, u b'hekk kiser idejh, u dam sitt ġimgħat b'idu fil-ġips u ġimgħa biex iħaddimha.

Il-konvenut jammetti li għandu kelp tal-kaċċa tal-għamla deskritta mill-attur, u li dik inhar tal-inċident meta ħareġ mid-dar ftit qabel ma ra lill-attur, ix-xatba ma għalaqiex.

Li, għalhekk irid jiġi stabilit;

1) Jekk il-kelb li waqqa' lill-attur huwiex tal-konvenut;

2) Jekk il-konvenut waqax waħdu għax kien qiegħed isuq eċċessivament jew għal xi raġuni oħra.

Ikkunsidrat;

Li, dwar l-ewwel diffikoltà l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kelb li waqqa' lill-attur kien l-istess wieħed li ħareġ mid-dar tal-konvenut; għall-motivi segwenti:—

1) Il-kelb ħabat mal-bicycle tal-attur meta dana kien għaddej minn quddiem id-dar tal-konvenut;

2) Il-kelb ħareġ minn ambjent tal-istess dar fejn kien hemm ix-xatba miftuħa;

3) L-attur ma setax jieħu azzjoni evasiva biex ma jiġix milqut mill-kelb, għaliex ħareġ fuqu f'daqqa; għaliex kien għadu id-dlam; għaliex it-triq hija dejqa, u fuq kollox għaliex il-kelb qabel ma ħabat mal-bicycle, anqas ma nebaħ biex b'xi mod jannunzja l-preżenza tiegħu fit-triq.

4) Il-konvenut għalkemm qal li kien fit-triq fejn sar l-inċident u ra lill-attur jaqa', anqas ma mar jgħinu u baqa' sejjer. Jekk ma rax il-kelb dieħel fuq l-attur dana ġara għaliex

kien id-dlam, għaliex kien qiegħed isuq il-karrettun fl-istess direzzjoni tal-attur, u kien aktar 'l isfel minn fejn ħabat għal-menu xi sittin pass.

5) Mhux verosimili li l-konvenut josservat l-veloċità li kien għaddej biha l-attur li kien urajh, u fl-istess ħin jgħid li kien id-dlam. U anqas huwa aċċettabbli l-atteġġjament tal-konvenut li jinjora kompletament l-inċident, jekk mhux għal raġuni ewlenija li huwa nduna li kien il-kelb tiegħu li waqqa' lill-attur; u għalhekk ħaseb tajjeb jew ħażin li jkun prud għalih li ma jsaqsiex lill-attur x'ġaralu, u jibqa' sejjer.

6) Dak li l-konvenut iddikjara quddiem l-Avukat Dr. Anthony Farrugia, li ċioè, la ma kienx hemm xhieda seta' jiċ-ħad; huwa indizju korroboranti u suffiċjenti biex jinduċi lill-Qorti taħseb li l-konvenut mill-bidunett ried jaħbi l-verità. Huwa minnu li l-konvenut ammetta parti biss minn dina l-asser-zjoni u spiċċa biex attribwixxa l-kontenut kollu tagħha lill-ommu. Però jibqa' l-fatt li omm il-konvenut ma xehditx, u l-Qorti, mill-kompless tal-provi kif irriżultaw, hija propensa li tagħti l-piż xieraq lid-depożizzjoni tal-Avukat Farrugia, li m'għandu ebda interess personali fl-eżitu ta' dina l-kawża.

Ikkunsidrat;

Li, in vista tal-konklużjoni premessa ssir frustanea t-tieni indaġni jekk ċioè l-attur waqax imħabba sewqan eċċessiv. Del resto dina ċ-ċirkostanza l-konvenut alluda għaliha wisq ġene-rikament lix-xhieda tiegħu, u ma semmgħijiex quddiem l-Avukat Farrugia bħala difesa kontra l-pretensjoni tad-danni li kien qiegħed jattribwilu l-attur. Il-konvenut anqas ipprodu-ċa x-xhieda minnu dikjarati għal dana l-iskop; u jinsab kon-futat mill-istess fatt, li ċioè huwa ma setax jikkalkola l-velo-ċità tal-bicycle, meta kien qiegħed isuq quddiemu fl-istess direzzjoni tat-triq xi sittin pass, u kien id-dlam.

Li, hawn ninsabu f'materja ta' negliżenza attribwibbli lill-konvenut imħabba li ammetta li jagħlaq ix-xatba biex il-kelb ma joħroġx; u kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, jekk is-sid tal-annimal ma jieħux dik il-kura li teħtieġ, allura jsir responsabbli għall-ħsara li tiġi kaġunata lill-ħaddieħor mill-istess annimal (Kollez. XXXII, iv, 958).

Ikkunsidrat;

Li dwar il-pretensjoni tad-danni l-Qorti hija sodisfatta li l-attur imħabba dana l-inċidenti ġie inkapaċitat għax-xogħol mill-1 ta' Marzu sal-20 ta' April, 1966, u li wara fieq għal kollox (v. xhieda tat-Tabib Albert Bartolo, a fol. 25).

L-attur xehed l kien jaqla' sitt lira fil-ġimgħa, u li ma setax jaħdem għalsebgħa ġimgħat; u għalhekk tilef b'kollox is-somma ta' tnejn u erbgħin lira (£42); barra minn dana t-telf sofra £1.10.0 import ta' ħsara fil-bicycle. Ma jirriżultax li kien hemm xi danni oħra. L-attur iddikjara li ma kienx irċieva l-kont tal-Isptar; dana ma jfissirx li għad ma jistax jirċevih billi min mindu korra (1 ta' Marzu, 1966), sakemm xehed (18 ta' Ġunju, 1966). jista' jkun li għadu m'għaddiex żmien biżżejjed biex jiġi mitlub iħallas. F'kwalunkwe każ jibqa' riservat favur l-attur kwalunkwe dritt ta' rimbors tal-imsemmija spiża, mingħand il-konvenut, kemm-il darba jiġi mitlub, iħallas.

Li, ma jirriżultax li l-attur ħa xi "compensation" mid-Dipartiment tax-Xogħol; anzi ġiet lilu rifjutata għax ma weġġax fuq ix-xogħol.

Għal dawna l-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet tal-attur, u għal fini ta' l-aħħar talba tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma

komplessiva ta' tlieta u erbgħin lira, u għaxar xelini (£43.10.0), u l-ispejjeż kollha tal-kawża.